

31994R2728

12.11.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 293/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE EUROTOM) Nru 2728/94  
tal-31 t'Ottubru 1994  
li jistabbilixxi Fond ta' garanzija għall-azzjonijiet esterni.**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li ikkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li ikkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità ta' l-Enerġija Atomika u partikolarment l-Artikolu 203 ta' dan,

Wara li ikkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>;

Wara li ikkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>;

Wara li ikkunsidra l-Opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri <sup>(3)</sup>

Billi l-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej huma esposti għal żieda ta' riskju finanzjarju bħala riżultat tal-garanziji li jkopru s-self lill-pajjiżi terzi;

Billi l-Kunsill Ewropew fil-11 u t-12 ta' Diċembru ikkonkluda illi l-konsiderazzjonijiet ta' l-immaniġjar prudenti fir-rigward ta' l-estimi u d-dixxiplina finanzjarja jitolbu l-istabbiliment tal-mekkaniżmu finanzjarju ġdid u li skond il-Fond tal-Garanzija għandu jkun imwaqqaf biex ikopri r-riskji relatati għal self u l-garanziji li jkopru s-self mogħti lill-pajjiżi terzi jew għall-proġetti eżegwiti fil-pajjiżi terzi;

Billi huwa possibli li jilqgħu din il-ħtieġa bit-twaqqif tal-Fond ta' Garanzija li jista' jkun użat biex iħallas direttament il-kredituri tal-Komunità;

Billi l-istituzzjonijiet qablu skond il-ftehim Interistituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 1993, biex idaħħlu fl-estimi riserva relatata mas-self u l-operazzjonijiet ta' garanzija għall-benefiċċju tagħhom u fil-pajjiżi terzi;

Billi l-mekkaniżmi li jeżistu bħalissa għall-garanziji aċċettati meta huma jkunu attivati, partikolarment bl-użu provviżorju dwar ir-riżorsi ta' flus kontanti, kif għalihom huwa ipprovdot fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euroton) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 tad-Deċiżjoni implimentata 88/376/KEE Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet <sup>(4)</sup>;

Billi l-Fond ta' Garanzija għandu jkun kostitwit bil-ħlas gradwali tar-riżorsi;

Billi l-Fond għandu sussegwentement jirċievi wkoll interess fuq ir-riżorsi investiti u ammonti irkuprati minn debituri falluti fejn il-fond ikun diġà onora l-garanzija;

Billi b'referenza għall-prattika ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, proporzjon ta' 10 % bejn ir-riżorsi tal-Fond ta' Garanzija u l-obbligi prinċipali garantiti, miżjuda b'interess dovut mhux imħallas ikun jidher adegwat;

Billi l-ħlasijiet għall-Fond ta' Garanzija ugwali għal 14 % ta' l-ammonti ta' kull operazzjoni ikun jidher assenjat biex jottjeni dan l-ammont maħsub;

<sup>(1)</sup> ĠU C 68, tal-11.3.1993, p. ta' l-10.3.1993, p. 10.

<sup>(2)</sup> ĠU C 315, 22. tal-11.11.1993, p. 235.

<sup>(3)</sup> ĠU C 170, 21. tas-6.6.1993, p. 25.

<sup>(4)</sup> ĠU L 155, 7. tas-6.6.1989, p1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE Eurolom) Nru 2729/94 (ara paġna 5 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Billi l-arranġamenti biex jitwettqu l-ħlasijiet bħal dawn għandhom ikunu definiti;

Billi ladarba il-għan ta' l-ammont tkun ġiet miksuba, ir-rata li taħtha jsiru l-proviżjonijiet għandha tiġi riveduta, billi l-Fond ta' Garanzija jeċċedi l-mira ta' l-ammont dak li jibqa' għandu jiġi mħallas lura lill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi l-maniġment finanzjarju tal-Fond ta' Garanzija għandu jkun fdat lill-Bank ta' Investiment Ewropew (EIBI); billi l-immaniġjar finanzjarju tal-Fond għandu jkun suġġett għall-verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri bi qbil mal-proċeduri li jridu jiġu miftiehma mill-Qorti ta' l-Awdituri, il-Kummissjoni u l-Bank ta' l-Investment Ewropew; billi t-Trattat ma jipprovdix ebda setgħa barra minn dawk konformi ma' l-Artikolu 235 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 203 tat-Trattat ta' l-EAEL għall-addozzjoni ta' dan ir-Regolament;

ĠIE ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Għandu jiġi stabbilit il-Fond ta' Garanzija, aktar 'il quddiem msejjaħ bħala l-Fond, li r-riżorsi tiegħu jirrifondi lill-kredituri tal-Komunità f'każ ta' nuqqas mill-benefiċċji tas-self mogħti jew garantit mill-Komunità.

L-operazzjonijiet ta' self u garanzija li għalihom hemm referenza fl-ewwel paragrafu, aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "operazzjonijiet" għandhom ikunu dawk magħmula għall-benefiċċju ta' pajjiż terz jew għall-iskop ta' finanzjament ta' proġetti fpajjiżi terzi.

#### Artikolu 2

Il-Fond għandu jkollu:

- ħlasijiet mill-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu 4,
- interess fuq ir-riżorsi tal-Fond investit,
- l-ammonti rkuprati minn debituri falluti fejn il-Fond ikun diġà onora l-garanzija.

#### Artikolu 3

Il-Fond għandu jitla' għal-livell xieraq aktar 'il-quddiem msejjaħ bħala l-"ammont ippjanat".

L-ammont ippjanat għandu jkun ta' 10 % tat-total tal-kapital passiv li jkun ġej minn kull operazzjoni, miżjud minn interess dovut mhux imħallas.

Jekk, fl-aħħar tas-sena l-ammont ippjanat jinqabeż, dak li jibqa' għandu jiġi mħallas lura għat-titolu speċjali fl-estratt tad-dħul fl-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

#### Artikolu 4

1. Il-ħlasijiet li hemm ipprovduti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2 għandhom ikunu ekwivalenti għall-14 % tal-valur kapitali ta' l-operazzjonijiet sakemm il-fond jilħaq l-ammont maħsub. Ir-rata proviżorja għandha tiġi riveduta meta l-fond jilħaq il-mira maħsuba u f'kull każ mhux aktar tard mill-aħħar tas-sena 1999.

2. Il-ħlasijiet fil-Fond għandhom isiru skond l-arranġamenti indikati fl-Anness.

#### Artikolu 5

Jekk bħala riżultat ta' l-attivazzjoni tal-garanzija li jiġu wara nuqqas, ir-riżorsi fil-Fond ikunu taħt 75 % tal-ammont maħsub, ir-rata proviżorja fuq operazzjonijiet ġodda għandha titla għall-15 % sakemm l-ammont maħsub ikun għal darb oħra milluq jew, jekk in-nuqqas isir qabel ma' l-ammont maħsub ikun miluq, sakemm l-ammont magħmul taħt l-attivazzjoni tal-garanzija jkun ġie aġġustat kollu kemm hu.

Jekk bħala riżultat ta' l-attivazzjoni tal-garanzija fuq wieħed jew aktar min-nuqqasijiet kbar, ir-riżorsi fil-Fondi jaqgħu taħt 50 % ta' l-ammont maħsub il-kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar il-miżuri eċċezzjonali li jstgħu jkunu meħtieġa biex ifornu l-Fond.

#### Artikolu 6

Il-Kummissjoni għandha tinkariga lill-amministrazzjoni finanzjarja tal-Fond lill-BIE bil-fatti konċiżi fisem il-Komunità.

#### Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja ta' wara tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u l-Qorti ta' l-Awdituri rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-Fond u l-Amministrazzjoni tiegħu li jkopri s-sena ta' qabel.

#### Artikolu 8

Il-kont tad-dħul u ta' l-infiq u d-dokument tal-bilanċi li jirrigwardaw il-fond għandhom ikunu annessi mal-kont tad-dħul u l-infiq tal-Komunità u l-karta ta' l-infiq.

#### Artikolu 9

Il-Kummissjoni għandha, qabel il-31 ta' Diċembru 1998, tissottometti rapport komprensiv dwar il-funzjoni tal-Fond.

#### Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropea.

L-Artikolu 4 għandu japplika għall-operazzjonijiet deċiżi u kkommessi sa mill-1 ta' Jannar 1993.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-31 t' Ottubru 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KINKEL

---

## ANNEX

**L-arranġamenti għal-ħlasijiet stipulat fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 2.**

1. Ħlasijiet fil-Fond għandhom isiru skond l-arranġamenti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 li jiddependu fuq jekk l-operazzjonijiet konċernati humiex:
  - (a) Operazzjonijiet jew garanziji mill-Komunità ta' self/self għal ċertu żmien lill-korpi finanzjarji sew jekk magħmula f'porzjon wieħed jew aktar, ħlief dawk koperti b'(b) <sup>(1)</sup>;
  - (b) Operazzjonijiet jew garanziji mill-Komunit ta' self/self għal ċertu żmien lill-korpi-finanzjarji that faċilita ta' struttura mifruxa fuq numru ta' snin u b'għan mikro-ekonomiku u strutturali <sup>(2)</sup>.
2. Għall-operazzjonijiet li għalihom hemm referenza taħt punt 1(a) il-Kummissjoni għandha tibda proċedura sabiex tagħmel il-ħlasijiet fil-Fond malli l-Kunsill ikun adotta formalment id-deċiżjoni bażika. L-ammont li għandu jitħallas fil-Fond għandu jiġi ikkalkulat fuq il-bażi ta' l-ammont totali għall-operazzjoni li ġiet deċiża mill-Kunsill.
3. Għall-operazzjonijiet li għalihom hemm referenza taħt punt 1(b) il-ħlasijiet fil-Fond għandhom isiru fi proporzjonijiet ikkalkulati fuq il-bażi ta' l-ammonti annwali li huma indikati fl-istqarrija finanzjarja mehmuża mal-proposta tal-Kummissjoni, adottata fejn xieraq fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kunsill.
 

Il-Kummissjoni għandha libda l-proċedura biex tagħmel il-ħlasijiet fil-Fond malli l-Kunsill ikun adotta formalment id-deċiżjoni bażika jew fil-bidu tas-sena finanzjarja ta' wara jekk ebda operazzjoni ma tkunx programmata għas-sena finanzjarja kurrenti. Għas-snin finanzjarji sussegwenti l-Kummissjoni għandha tibda l-proċedura tal-ħlasijiet fil-bidu tas-sena finanzjarja.

Sa mit-tieni sena l-ammonti li jridu jiġu mħallsa għandhom jiġu kkoreġuti bid-differenza dokumentata fil-31 ta Diċembru tas-sena ta' qabel bejn l-estimi li jienu jittieħdu bħala bażi għal-ħlas ta' qabel u l-figura attwali għas-self iffirmati mas-sena ta' qabel għandha tagħti żieda għall-ħlas fis-sena ta' wara. Kull diffeenza relatata mas-snin ta' qabel għandha tagħti żieda għall-ħlas fis-sena ta' wara.
4. Meta tibda proċedura ta' ħlas il-Kummissjoni għandha tiċċekkja s-sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-eżekuzzjoni ta' l-operazzjonijiet li kienu suġġetti għall-ħlasijiet ta' qabel u fejn l-impenn taż-żmien li fih b'mod oriġinali għandu jintemm ma jkunx ġie milħuq, din għandha tipproponi li din titieħed f'kunsiderazzjoni billi jiġi ikkalkulat l-ewwel ħlas li għandu jsir fil-bidu tas-sena finanzjarja ta' wara għall-operazzjonijiet li jkun għaddejjin.
5. Għall-operazzjonijiet li ġew deċiżi mill-Kunsill sa mill-1 ta' Jannar 1993 il-Kummissjoni għandha tibda k-proċedura biex tagħmel il-ħlasijiet fil-Fond malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, bi qbil ma' l-arranġamenti kif imniżżel fil-paragrafi preċedenti.

<sup>(1)</sup> Eżempji ta' dan it-tip ta' operazzjoni self għall-bilanċ ta' ħlasijiet ta' pajjiżi terzi jew il-garanzija mogħtija lill-kosorzju tal-banek kummerċjali biex jiffinanzjaw ix-xiri ta' prodotti ta' l-ikel jew pajjiżi terzi.

<sup>(2)</sup> Eżempji ta' din it-tip ta' operazzjoni: Self taħt Euratom lil terzi pajjiżi u l-garanziji mogħtija lill-BIE għas-self li jkun ta lill-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina u l-Asja(DCLAA) u l-pajjiżi Ewropej ċentrali u tal-Lvant(CEEC).